MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Numru. 404/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Raymond Vella ta' 42 sena, iben Anthony u Rosaria nee Cauchi, mwieled Mtarfa fil-5 ta' Jannar, 1962, u joqghod 'Raydon', No. 1, Triq Eugenio Borg, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 46862 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Raymond Vella li gie akkuzat talli

1. nhar il-Hadd 16 ta' Mejju, 2004, gewwa l-Birgu,
a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid jew
b. ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew
c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew import ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq, u cioe 617 compact disks, konsistenti f'loghol tal-playstation, CD's tal-muzika, u DVD films.

2. u aktar talli, fl-istess data u lok, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassa, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat.

Issibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 298 (1)(a)(c)(f) tal-Kapitlu 9.

Rat ukoll l-artikolu 298B tal-Kapitlu 9. Rat ukoll id-debita kwerela ghal dan il-fatt.

Rat il-fedina penali tieghu li hi ghal kollox netta.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum.

Tordna l-konfiska u distruzzjoni ta’ l-oggetti esebiti wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap 44 u tahtar ghal dan l-iskop lil Martin Bajada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------